MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2014

Numru. 381/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR YVONNE FARRUGIA**

**VS**

**CARMEL BUGEJA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Carmel Bugeja, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 566352 (M).

**Akkuzat talli:**

Nhar it-28 ta` Settembru, 2008, waqt li kien armat fuq il-monti, gewwa l-lokalita` ta` Marsaxlokk:

a) Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta` industrija, jew, xjentement, ghamel uzu ta` dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;

b) Ghamel uzu, xjentement, ta` marka, sinjal, tabella jew emblem li jkun fihom indikazzjoni li tista` tgharraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b’din il-marka, sinjal jew emblem;

c) Xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal-hsieb ta` kummerc, mekanzija b’marka, sinjal, jew emblem imxebbhin b’qerq;

U cioe` diversi hwejjeg u cinturini bl-ismijiet DOLCE & GABBANA u bl-emblema D&G, kif ukoll diversi *handbags* bl-emblema G li jixbhu lil dawt tad-ditta GUESS.

U aktar talli, fl-istess data, lokalitajiet u cirkustanzi, ghal qliegh, jew bi skop ta` kummerc biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex titqassam, basktijiet (*handbags*) bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta` Malta hew tahtha.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta` htija, barra li tinflilggi il-pieni stabbilit mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kolha esebiti.

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex f’kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzat ghal-hlas ta` spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li semghet il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li rat l-Artikoli 298 (1) (a) (c) (f) u 298B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi dina l-kawza titratta dwar l-importazzjoni u bejgh ta` artikoli tal-moda mmarkati DOLCE & GABBANA u bil-G tal-GUESS minn fuq il-monti meta dawn qiedghin jigu spiccati bhala artikoli originali u genwini bi prezzjinier ferm inferjuri ghall-prezzijiet normalment imhallsa ghall-artikolu genwin. Illi bl-istess ammissjoni tal-imputat, illi xehed fil-provi ta` dan il-process fis-seduta tal-erbatax (14) ta` Marzu 2013, dawn l-artikoli inxtraw minnu stess minn Sqallija u t-Turkija wara li l-imputat kien tela` f’dawn il-pajjizi u jixtri *lots* illi jkunu ghall-bejgh.

Illi ghalhekk, sabiex il-Prosekuzzjoni tirnezzi li tinkolpa lill-imputat bl-imputazzjonijiet lilu addebitati hija trid tipprova zewg elementi u cioe`:

1) Illi l-imputat, filfatt, importa u ttenta li jbiegh, pubblikament, dawn l-oggetti hekk immarkati u;

2) Illi l-imputat kien, filfatt, jaf illi dawn id-ditti jezistu u li l-artikoli li huwa kien qieghed jittenta jbiegh ma kienux imorru fatturati mid-ditta li l-prodott huwa qed jirriklama izda illi dan il-prodott huwa *counterfeit* jew falz. Fi kliem iehor, illi huwa jaf illi l-prodott mhux originali.

Illi x-xhieda tal-prosekuzzjoni tikkonsisti fis-sussegwenti:

Spettur Yvonne Farrugia, illi hija l-ufficjal investigattiv gholi f’dan il-kaz. Din tirrakkonta dwar kif dan l-imputat inqabad minnha flimkien ma` WPS 249 Marushka Debattista, PC 1305 Silvio Zammit u WPC 304 Lorna Mifsud, ibiegh dawn il-prodotti gewwa s-suq ta` Marsaxlokk bi prezzijiet ferm inqas milli wiehed kellu jhallas kieku huwa kien qed jixtri prodott originali u genwin. Din ix-xhud tezebixxi dokumenti dwar ittri kwerali tad-ditta GUESS EUROPE u d-ditta D&G. Gew ipprezentati ukoll *trademarks* ta` dawn iz-zewg ditti kif ukoll numru ta` ricevuti bi prezzijiet irrisorji li l-imputat hallas lill-ditta ciniza gewwa Catania u gewwa l-Istanbul. Gew prezentati ukoll ritratti tal-oggetti elevati michuda minn PS 186 K. Micallef.

Ittellghu ukoll ix-xhieda:

John Richards, tal-**Industrial Property Registration Directorate**;

Dr. Anita Fenech, li pprezentat il-kwerela ghan-nom ta` GUESS EUROPE;

WPS 345 Marushka Debattista, PC 1305 Silvio Zammit u WPC 304 Lorna Mifsud, li kienu akkompanjaw lill-ispettur Farrugia meta zaru s-suq f'Marsaxlokk u sabu lill-imputat ibiegh pubblikament dawn l-oggetti li gew esebiti f'dan il-process;

Martin Ciappara, raprezentant tad-ditta GUESS SMG Mode li iddentifika l-oggetti elevate mill-pussess tal-imputat u mmarkati bil-logo tad-ditta minnu rraprezentata;

Dr. Martin Bajada, illi pprezenta relazzjoni dwar l-oggetti kollha elevati u jikklassifikhom bhla *non-compliant*, fi kliem iehor foloz.

Min-naha taghha, id-difiza pproduciet biss lill-imputat illi, meta xehed, qal illi d-ditta DOLCE & GABBANA qatt ma semgha biha. Dan nonostante illi l-imputat ili f'dan ix-xoghol ghal-tmienja u ghoxrin (28) sena. L-imputat mhux kredibbli. Il-Qorti allura ssaqsi jekk hux kumbinazzjoni li dawn l-oggetti kollha kienu mmarkati bi *trademarks* famuzissimi u nxtraw b'*lot* minn pajjizi u sorsi diskuttibli. Dina l-verzjoni tal-imputat assolutament ma hiex kredibbli!

Rigward il-piena dina l-Qorti timmulta lill-istess imputat l-ammont ta` elfejn ewro (€2,000) kif ukoll li jhallas l-ispejjez perizjali ai terminu tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Dina l-Qorti wkoll tordna l-konfiska tal-esebiti.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------